**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Dicembru, 2001**

**Numru 1**
**Citaz. Nru. 1245/93 FD**

**Evelyn Attard**
**vs**
**Martin Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-Kappella ta' Lourdes tal-Kapuccini fil-Floriana fil-11 ta' Mejju 1983, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness mac-citazzjoni u mmarkat Dokument "A";

Premess illi l-istess zwieg huwa null u bla effet fil-ligi, in kwantu fiz-zmien meta gie celebrat

iz-zwieg il-konvenut ma kienx kapaci jikkontratta z-zwieg billi kien affett minn infirmita` mentali a tenur ta' l-artikolu 4 ta' l-Att XXXVII ta' l-1975;

Premess illi l-istess zwieg huwa null u bla effett fil-ligi, anke a tenur ta' l-artikolu 19(b)(d) u (h) ta' l-istess Att b'mod li l-kunsens kemm ta' l-attrici, kif ukoll tal-konvenut kien vizzjat fil-mument meta nghata;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha mal-konvenut iccelebrat fil-11 ta' Mejju, 1983, fuq imsemmi, huwa null u bla effett fil-ligi, u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi jekk hemm kagun ta' annullament dan hu minhabba ragunijiet imputabbli lil-attrici a tenur ta' l-artikoli imsemmija fic-citazzjoni;

U ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-Digriet taghha ta' l-14 ta' Marzu 1995 li permezz tieghu gew nominati l-avukat Dr. Joe Refalo bhala espert legali u t-Tabib Psikjatra Dr. Salvino Schembri Wismayer bhala espert psikjatriku biex ifittxu u jirreletaw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-imsemmija esperti nominati li jinsabu a fol. 154 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-Udjenza ta' l-10 ta' Marzu 1999;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attriciipprezentat din ic-citazzjoni fejn talbet lill-Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg li hija ikkontrattat mal-konvenut u dan peress li meta gie celebrat dan iz-zwieg il-konvenut ma kienx kapaci jikkontratta z-zwieg minhabba li kien affett minn infirmita mentali a tenur ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar iz-Zwieg kif

ukoll minhabba nuqqasijiet kontemplati fl-artikolu 19 ta' l-istess Att;

Illi minn naha tieghu l-konvenut eccepixxa illi jekk kien hemm xi nuqqas dan kien attribwibbli lill-istess attrici;

Illi wara l-prezentata tar-rapporti tal-periti gudizzjarji giet ipprezentata nota mill-attrici fejn esebiet decizjoni moghtija mit-Tribunal Ekklesjastiku;

Illi in segwitu a fol 292 tal-process gie esebiet kopja tad-Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fejn ordnat ir-registrazzjoni ta' l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku;

Illi in vista tal-legislazzjoni vigenti din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-annullament taz-zwieg wara li inghata d-Digriet imsemmi;

Illi l-Qorti, ghall-kap ta' l-ispejjez, ezaminat kemm id-dokumenti esebiti relattivi ghall-kawza tat-Tribunal Ekklesjastiku kif ukoll ir-rapport ta' l-espert psikjatriku nominat minn din il-Qorti u tifhem li l-konvenut ibati minn *inferiority complex* u "*huwa daqsxejn bniedem suspettuz u setghet il-gelozija tieghu ta' dak iz-zmien lahqet grad ta' gelozija patologika*", waqt li l-attrici kienet ghaddejja minn depressjoni reattiva u l-personalita` taghha kienet dghajfa, kellha rasha iebsa u r-ragunamenti taghha ghalkemm wiehed jista' jiffimhom, ma humiex kongruwenti fis-sens li ma jsegwux ragjonevolment;

Wara li ezaminat dawn ir-rapport kif ukoll ix-xhieda prodotta kemm f'din il-kawza kif ukoll fil-kawza l-ohra fl-istess ismijiet bin-numru 1246/93, il-Qorti hija tal-fehma li l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati terz mill-attrici u zewg terzi mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tastjeni milli tieghu konjizzjoni tat-talba kontenuta fic-citazzjoni dwar l-annullament taz-zwieg wara id-digriet ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell moghti fit-30 ta' Gunju, tas-sena 2000;

Tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu terz mill-attrici u zewg terzi mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur